**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Paul Borg**

Numru: 78/2013

Illum 8 ta' Novembru 2016

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Paul Borg,** ta' tnejn u hamsin (52) sena, iben il-mejtin Joseph u Maria nee' Mercieca, imwieled l-Gharb, Ghawdex, nhar is-17 ta' Settembru 1960 u residenti fil-fond 'Sweet Lord' Triq Guzeppi Lebre, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 52060G, akkuzat talli nhar is-16 ta' Lulju 2013 gewwa Triq il-Gdida maghrufa ukoll bhala Triq l-Ghasri, fl-Ghasri, Ghawdex, ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija (19.30hrs);

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti,

waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBP656 ikkaguna l-mewt ta' Michael Angelus Zammit (ID No. 52640G);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBP656, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBP656 ikkaguna hsara fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBC913.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tiskwalifika l-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghall-perijodu li jidhrilha li huwa xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 343) datata 19 ta' Mejju 2014 li permezz taghha baghat lill-imputat Paul Borg biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) fl-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) fl-Artikolu 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) fl-Artikolu 328(a) ta-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) fl-Artikolu 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-30 ta' Settembru 2014 (*a fol.* 377 u 388), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-19 ta' Mejju 2014, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2016 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni, lill-*parte civile* u lid-Difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi fl-1 ta' Settembru 2016, il-*parte civile* pprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi d-Difiza pprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fis-27 ta' Settembru 2016.

Rat illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma pprezentatx is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub, minkejja li nghatat il-fakolta' taghmel hekk.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Il-*fattispecie* tal-kaz**

L-incident sehh fi Triq l-Ghasri, Ghawdex fil-parti fejn hemm triq sekondarja quddiem tela' li twasslek ghal xi ghelieqi u l-ex farm tat-tigieg li llum huwa post tax-xoghol ta' haddied.

L-imputat li kien qieghed isuq truck bin-numru ta' registrazzjoni JBP656, kien hiereg mill-Ghasri fid-direzzjoni ta' Triq Papa Gwanni Pawlu t-Tieni, Rabat, Ghawdex filwaqt li s-sewwieq tal-mutur, il-vittma Michaelangelo Zammit kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu FBC 913 u hareg mit-triq sekondarja maghrufa bhala Triq il-Qadima ghal go Triq L-Ghasri.

F'nofs it-tarf tat-triq sekondarja hemm *traffic island*. Minn genb wiehed jidhol it-traffiku mit-triq principali filwaqt li mill-genb l-iehor johrog it-traffiku mit-triq sekondarja.

Il-Qorti tirrileva li fil-pjanta esebita l-Perit indika li s-sinjal abjad li jindika l-linja medjana tat-triq huwa wieħed interrott. Madankollu, kif jirriżulta minn uħud mir-ritratti tal-lokalità tal-inċident, dan is-sinjal abjad huwa effettivament wieħed kontinwu u mhux wieħed interrott. Dan is-sinjal kien interrott biss faċċata tat-triq li minnha kien ħareġ Michaelangelo Zammit. Il-Qorti dan ikkonfermatu waqt l-access li sar fuq il-post fil-prezenza tal-partijiet fit-13 ta' Settembru 2016.

Il-Qorti zaret il-post erba' darbiet ohra fil-perjodu li kienet qeghda thejji din is-sentenza inkluz nhar it-Tnejn 17 ta' Ottubru 2016 waranofsinhar u l-ghada 18 ta' Ottubru 2016 kmieni filghodu. Fiz-zjara tat-17 ta' Ottubru 2016 il-Qorti nnutat li xi hadd kien biddel is-sinjal abjad minn wiehed kontinwu ghal wiehed interrott. Il-Qorti hadet numru ta' ritratti hi stess biex tiddokumenta dan, liema ritratti gew inseriti fil-process (*a fol* 453a sa 453e). Il-Qorti thoss li dan il-fatt li sehh fil-perjodu li kienet qeghda tinkiteb is-sentenza huwa ta' thassib serju u qeghda tordna lill-pulizija biex jinvestigaw min approva li jinbidel is-sinjal, min biddlu u meta.

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI

### Preliminari

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu magħmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire,* l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati

ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mill-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħa jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li ma humiex prevvisti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilita u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa

tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il- Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

*XHIEDA*

F'dan il-process xehdu tnejn u tletin (32) xhud kif gej:

***Fit-8 ta' Awwissu 2013***

*L-Ispettur Frank Anthony Tabone (a* fol. *17 et seq.), PS698 Shaun Tabone (a* fol. *35 et seq.), Perit Shawn Micallef (a* fol. *39 et seq.), Max Xuereb (a* fol. *54 et seq.), PC382 Josef Cardona (a* fol. *98 et seq.), Nurse Josef Debattista (a* fol. *100 et seq.), Nurse Joe Attard (a* fol. *106 et seq.).*

***Fit-18 ta' Settembru 2013***

*Dr. Joseph Grech (a* fol. *118 et seq.), Jeffrey Zammit (a* fol. *122 et seq.), Saviour Farrugia (a* fol. *129 et seq.), Josef Debattista (a* fol. *133 et seq.).*

***Fit-30 ta' Ottubru 2013***

*Profs. Marie Therese Camilleri u Dr. Ali Salfraz (a* fol. *182 et seq.), Joseph Zammit (a* fol. *187 et seq.), Dr. Patrick Sciberras (a* fol. *234 et seq.), Saviour Farrugia (a* fol. *236), PS559 Jason Spiteri (a* fol. *238 et seq.), PS698 Shaun Tabone (a* fol. *248 et seq.).*

***Fil-11 ta' Dicembru 2013***

*Dr. Mario Scerri (a* fol. *258 et seq.), Frank Cauchi (a* fol. *286 et seq.), Jeffrey Zammit (a* fol.*289 et seq.).*

***Fit-22 ta' Jannar 2014***

*Dr. Patrick Sciberras (a* fol. *329 et seq.), Emanuel Cini (a* fol. *331 et seq.)*

***Fit-28 ta' Mejju 2014***

*Dr. Patrick Sciberras (a* fol. *347 et seq.), Dr. Mario Scerri M.D. (a* fol. *350 et seq.).*

***Fit-30 ta' Settembru 2014***

*Perit Shawn Micallef (a* fol. *379 et seq.).*

***Fis-27 ta' Ottubru 2015***

*Dr. Ali Salfraz u Profs. Marie Therese Camilleri (a* fol. *394 et seq.), Dr. Patrick Sciberras (a* fol. *396 et seq.).*

***Fid-9 ta' Marzu 2016***

*Perit Shawn Micallef (a* fol. *401 et seq.), Joseph Zammit (a* fol. *407 et seq.).*

***Fl-1 ta' Gunju 2016***

*L-imputat Paul Borg (a* fol. *414 et seq.).*

**Din il-Qorti ghalkemm mhix f'posizzjoni vantaggjuza hdejn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ma ghexietx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk hija mhix f'posizzjoni, li tanalizza l-komportament tax-xhieda kollha li xehdu viva voce, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.**

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI

### (i) Il-Kuncett ta' Negligenza

Fid-dottrina u l-gurisprudenza kontinentali jezistu zewg teoriji partikolari dwar il-kuncett ta' negligenza: it-teorija hekk imsejha oggettiva u dik suggettiva. It-test ghat-teorija oggettiva mhux wiehed li hu immirat biex jistabilixxi jekk il-persuna ipprevedietx jew setghetx tipprevedi dak l-incident fil-*fatti specie* partikolari tal-kaz izda jekk l-agir ta' dik il-persuna jaqax taht l-obbligu ragjonevoli ta' attenzjoni li kull persuna fis-socjeta` hija prezunta li ghandu jkollha f'cirkostanza partikolari. Min-naha l-ohra t-teorija suggettiva tenfasizza li wiehed jista' jitkellem fuq agir negligenti jekk ikun hemm nuqqas f'li wiehed ikun *alert* jew vigilanti bil-limitazzjonijiet tieghu personali f'dak il-kaz partikolari.

Il-Kodici Kriminali taghna fl-artikoli 225, [1] 226[2] u 328[3] jitkellem fuq *"nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti"*. Ma tezisti l-ebda spjegazzjoni tat-

[1] Artikolu 225: *"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87)."*

[2] L-Artikolu 226 jirreferi ghall-offizi li ma jwasslux ghall-mewt izda jarrekaw biss hsara gravi jew hafifa fuq il-persuna ta' l-individwu: *"Jekk minhabba l-fatti imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan issir offiza fuq il-persuna, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel - (a) jekk l-offiza tkun gravi u ggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sena jew multa mhux izjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmi (€4658.75); (b) jekk l-offiza tkun gravi minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmi (€2329.37); (c) jekk l-offiza tkun hafifa, il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet. (2) Fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(c), il-procediment jista' jittiehed biss fuq kwerela tal-parti offiza.*

[3] L-artikolu 328 jaqra: *"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna hruq, jew jaghmel xi hsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jehel, meta jinsab hati - (a) jekk minhabba f'hekk tigri l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225; (b) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi fuq il- persuna, li tkun iggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37); (c) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi minghajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew multa mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69); (d) f'kull kaz iehor, il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet: Izda fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafu (d), hlief meta l-hsara tkun kagunata fi proprjetà pubblika, jistghu jittiehdu procedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiza."*

termini *"nuqqas ta' hsieb u traskuragni"*; madanakollu dawn generalment huma mehudin li jfissru bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f'cirkostanzi partikolari. Fir-rigward tat-termini *"nuqqas ta' hila fl-arti u professjoni tieghu"* u *"nuqqas ta' tharis ta' regolamenti"*, l-implikazzjoni ta' dawn il-frazijiet huma pjuttost cari u ma jhallu lok tal-ebda interpretazzjoni. Sakemm l-agir negligenti ma jinkwadrax ruhu taht xi wahda mill-parametri stabbiliti minn dawn l-artikoli tal-ligi, persuna ma tkunx tista` tigi misjuba hatja ta' negligenza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-azzjoni kriminali. Inoltre tali agir negligenti jrid ikun per forza wassal sabiex giet arrekata hsara lill-persuna jew inkella xi proprjeta`. Dan ghaliex fl-artikoli 225, 226 u l-artikolu 328, il-hsara lill-persuna jew lill-proprjeta` hija indikata bhala wahda mill-elementi kostituttivi tar-reat.

Il-Kodici taghna huwa ibbazat fuq il-Kodici Taljan tal-1889. Fil-kummentarju tad-disposizzjonijiet relattivi ghal negligenza ta' dan il-Kodici, awturi Taljani dejjem qiesu li ghandu jigi applikat it-test suggettiv.[4] Jekk wiehed iqis it-termini uzati fil-ligi taghna u cioe` *"nuqqas ta' hsieb u traskuragni"*, wiehed jista' jinnota li dawn huma termini li qeghdin jirreferu direttament ghall-attitudni soggettiva ta' min ikun hati tar-reat. Huwa necessarju ghalhekk li wiehed jindika jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kinux jippermettu lill-persuna involuta li tintebah bil-konsegwenzi tal-agir taghha.

Il-parti operattiva u essenzjali tal-akkuza li giet dedotta fil-konfront tal-imputat hija li kkaguna l-mewt ta' Michael Angelus Zammit *"b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti"*. Il-gurista Sir Anthony Mamo, fin-Noti tieghu, jispjega illi ghalkemm il-frazijiet *"nuqqas ta' hsieb"* u *"traskuragni"* mhumiex moghtija definizzjoni mil-ligi pero jkompli jghid li *"it is clear that by them the law means generally the*

[4] Ara Impallomeni, Vol III, pg 1662

*absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances"*[5].

Il-Professur Mamo jkompli jsostni li, *"the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen"*[6]. Sabiex jenforza t-tezi tieghu, Mamo jaghmel referenza ghat-taghlim ta' Francesco Carrara, u jikkwotah kif segwenti – *"Il non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa"*[7].

Antolisei, fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)*, jaghmel ukoll referenza ghal Carrara, u jghid hekk:

> *"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimo tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'".*[8]

Din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Richard Grech***[9] gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli, ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista,

[5] *Lectures in Criminal Law*, Vol 1, pg 69
[6] ibid, pg 67 (sottolinear fit-test originali)
[7] ibid, pg 68 (sottolinear fit-test originali)
[8] Antolisei, *Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)* (Giuffre', 1997, 14 ed) 364
[9] *Pulizija vs Richard Grech* (Appell Kriminali, 21/03/1996, De Gaetano)

wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pozittiva indiretta.

Fl-istess sentenza gie ritenut dak li kien diga ntqal fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli***[10], fejn saret ukoll, fost l-ohrajn, referenza ghal Giorgi:

> *"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.*
>
> *Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 t'Ottubru 2012 fl-ismijiet : **Il-Pulizija v Peter Stroud**[11] il-Qorti ccitat dak illi qal **Archbold** fil-**Criminal Pleading, Evidence and Practice**:

[10] *Pulizija vs Perit Louis Portelli* (Qorti Kriminali, 04/02/1961, Kollez XLV.iv.870, Flores)
[11] Appell Kriminali Numru. 225/2011 deciz mill-Imhallef Michael Mallia

*"Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness. . . Probably, of all the epithets that can be applied "reckless" most nearly covers the case. . . but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal responsibility, the facts must be such that . . . the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment..."*

Il-Qorti tirrileva li dak applikabbli fil-ligi Civili r-*res ipsa loquitur* (Il-fatti jitkellmu wehidhom) m'ghandhiex applikazzjoni diretta fil-Ligi Kriminali izda kif intqal fil-kaz **Wilkinsons** f'para 5.52:

"*the fact that res ipsa loquitor has no application to criminal law does not mean that the prosecution have to negative every possible explanation of a defendant before he can be convicted of careless driving where the facts at the scene of an accident are such that, in the absence of any explanation by the defendant, a court can have no alternative but to convict*".

Kif tajjeb gie osservat fil-kawza **Giuseppa Debono –vs- Philip Camilleri et**, Appell Civili, 23 ta' Frar 1962:

*"hu obbligu li kull driver jirregola s-sewqan skont il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhal ma huwa l-hin ta' billejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-piz tal-vejikolu, l-istat tal-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anke dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah 'a reasonable careful look-out' liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli"*.

Issa meta qieset kollox, din il-Qorti se taghmel apprezzament ta' fatt u tasal ghall-konkluzjoni skont ic-cirkostanzi kollha migbura fil-process.

Illi huwa principju ben stabbilit li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm l-hekk imsejjah "*proper look out*". Gie ritenut li:

> *Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*[12]

Illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li

> *... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta' penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kinitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*[13]

Illi dwar velocita' m'hemmx dubju li *speed* jista' jkun ecessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita' izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument.[14]

Fil-kaz ***R v L*** *[2011]* Toulson LJ sostna:

[12] **Pulizija vs Roderick Debattista**: Appell Kriminali deciz 26 ta'Mejju 2004
[13] **Pulizija vs Joseph Grech**: deciza 6 ta' Gunju 2003
[14] **Pulizija vs Haden Vella** op cit

*"..it is ultimately for the jury to decide whether, considering all the evidence, they are sure that the defendant should fairly be regarded as having brought about the death of the victim by his careless driving. That is a question of fact for them. As in so many areas, this part of the criminal law depends on the collective good sense and fairness of the jury."*

Fil-kaz **R v Hughes** [2013] UKSC 56 intqal li:

*"some act or omission in the control of the car, which involves some element of fault, whether amounting to careless or inconsiderate driving or not, and which contributes in some more than minimal way to the death of an individual."*

F'dan il-kaz, u cioe' jekk tirrizulta n-negligenza kontributorja, din in-negligenza kontributorja ghandha tittiehed in kunsiderazzjoni biss fil-kalibrar tal-piena li ghandha tigi erogata.

Illi f'dan is-sens jikkommenta anke l-Antolisei:

*Nell' ipotesi che con la colpa del soggetto attivo del reato concorra la colpa della persona offesa, da alcuni si parla di compensazione delle colpe, nel senso che la colpa dell'uno verrebbe annullata dalla colpa dell'altro. Cosi non si dovrebbe punire l'automobilista, se l'investimento sia dovuta anche alla colpa della vittima. Cio non puo' ammettersi, perche il principio della compensazione delle colpe, se vale nell'ambito del diritto privato, .... non ha diritto di cittadinanza nel campo penale. Qui la punizione e' reclamata da un interesse pubblico, quindi, dell'eventuale colpa della vittima il guidice terra' conto solo entro i limiti dei suo poteri discrezionali per l'applicazione concreta della pena*[15]

[15] Ref **Manuale di Diritto Penale Parte Generale** 1989 Giuffre pagna 332

Il-Qorti waqt li qeghda tiddeciedi trid izzomm f'mohhha l-mistoqsija jekk l-agir tal-imputat kienx il-fattur li wassal għal dan l-incident stradali. Huwa jrid iwiegeb ghal dan l-agir tieghu indipendentement minn dak li seta' għamel ħaddieħor. Sabiex il-fattur kontributorju tat-terz jinnewtralizza r-responsabbilta' tal-imputat, dan il-fattur irid ikun dak li **unikament u esklussivament** iwassal għall-incident stradali. Fil-kamp penali, in-negliġenza kontributorja ma teħlisx lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru akkadut.

L-Archbold fil-parti fejn jitkellem dwar **Causing Death by Careless, or Inconsiderate Driving**[16] jghid li**:**

> *The elements of this offence that the prosecution must prove are that:*
>
> - *– the defendant was the driver;*
> - *– the vehicle was being driven;*
> - *– the vehicle was a mechanically propelled vehicle;*
> - *– the vehicle was being driven on a road or other public place;*
> - *– the vehicle was being driven without due care and attention;* or
> - *– the vehicle was being driven without reasonable consideration for other persons using the road or place;*
> - *– the death of another person is caused by that driving.*

***(ii)    <u>L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 – Sewqan bla kont, traskurat u perikoluz</u>***

L-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jistabilixxi li:

> *"Kull min - (a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi*

[16] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017 pg. 1261 para 17-41

*traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle; jew (b) iġiegħel, iħalli jew jippermetti li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-liċenza meħtieġa biex issuq vettura bil-mutur jew vettura oħra, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu."*

Il-legislatur ma jaghtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi sewqan bla kont, traskurat jew perikoluz. Allura jispetta lill-gudikant li jaghti l-interpretazzjoni tieghu u jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas tal-legislatur.

Ta' ghajnuna f'dan ir-rigward hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997 (Riportata f'Volum LXXXI.iv.57) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Il-Qorti kienet irriteniet li:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

*__Sewqan bla kont__ hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

***Sewqan perikoluz*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain,*** *Appell Kriminali, 21/5/96)".*

Il-kwistjoni jekk sewqan jistax jigi klassifikat bhala negligenti, bla kont jew perikoluz hija kwistjoni purament ta' *"degree"*. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Gellel**, deciza fid-19 ta' Frar 2004 intqal li:

*"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App.* ***Krim. Pul. Vs Charles Bartolo,*** *14.3.59,* ***Pol. vs Wilson [Vol.*** *XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs Alfred Vella*** *[Vol. XLIV,* ***p.*** *933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App.* ***Krim. Pul. vs Hardingham,*** *19.10.1963)."*

*Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs Joseph Aquilina,*** *20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza*

*ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi l-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet : **Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino**, deciza fil-15 ta' Jannar 1997 qalet illi:

> *".... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabblita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti."* (ara wkoll il-kawza : **Amadeo Mea vs Carmelo Vella** (Appell Civili, 24 ta' Jannar 1966).

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali kif preseduta fis-sentenza taghha : **Pulizija vs Clayton James Fenech**, deciza fit-23 ta' Mejju 2016 (Kaz. Nru. 1041/2011) qalet:

> *"f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah 'esprit de voiture'. U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat ... hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi*

*cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali b'mod partikolari l-wirt li hallielna dwar materji ta' traffiku l-Imhallef Joe Galea Debono u dan minhabba l-esperjenza twila li kellu bhala espert tat-traffiku qabel ma ssejjah biex iservi fil-Gudikatura huma gwida ghall-Qorti meta tkun qeghda tiddelibera dwar kazijiet bhal dan in ezami. L-Imhallef Galea Debono fil-kaz il-Pulizija vs Luke Falzon[17] deciz fis-18 ta' Ottubru 2007 jelenka numru ta' decizjonijiet u t-taghlim taghhom:

Fil-kaz **"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"** ([3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li:- *"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari, imma ma hemmx bzonn li l-manuvra tikkonkretizza ruha f'konsegwenzi dizastruzi. Il-ligi in tema ta' sewqan perikoluz tikkuntenta ruha bil-perikolu potenzjali u ma tridx il-perikolu tradott fir-realta'."*

Fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Claudia Camilleri**" [15.11.1996.] intqal li "il-fatti – inkluzi l-provi indizjarji – *"circumstantial evidence"* jistghu jkunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti …dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "*presumptions of fact*". These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact."

Speed jista' jigi dedott mit-tul tal-*brake marks* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. A.I.C. Mortimer**" Vol. XL. iv. p.1282).

**Verzjonijiet differenti**

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' dak li effettivament gara u cioe' l-verzjoni tal-Prosekuzzjoni li tallega li l-incident li sehh

[17] Appell Kriminali Nru 287/07

ghandu jwiegeb ghalih l-imputat u l-verzjoni tal-imputat li jichad b'mod assolut dak li gie allegat fil-konfront tieghu u jsostni li kien il-*parte civile* bl-agir tieghu li wassal ghall-incident.

Il-Qorti tinnota li f'dan il-kaz m'hemmx persuni indipendenti li raw il-kaz isehh, ghandna biss il-verzjoni tal-imputat ghaliex il-vittma ma lahaqx ta l-verzjoni tieghu kawza tal-griehi li garrab li wasslu ghall-mewt tieghu.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Lee Borg u Alan Camilleri** mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hmistax ta' Gunju, 1998:

> "*Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda lkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.* "

Fil-fatt skont sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil** gie ritenut li:

> "*l-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tant li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

L-Archibold fil-**Magistrates' Courts Criminal Practice 2017**[18] jghallem li:

> Circumstantial evidence has been defined as *"… evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics"*; Lord Hewart C.J. in *Taylor, Weaver and Donovan*, 21 Cr.App.R. 20, CCA at 21.
>
> Lord Normand in *Teper v. R.* [1952] A.C. 480, PC at 489, stated in relation to circumstantial evidence that:
>
> *"It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another … It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*
>
> On the other hand it has been said that circumstantial evidence is often the best evidence. It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial: *Taylor, Weaver and Donovan*.

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza moghtija fis-17 ta' Gunju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Gatt:**

> "*Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma' xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede superjuri) fil-kawza fl-ismijiet ir-**Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada** tal-15 ta' Mejju 2009 intqal illi:

---

[18] Pg. 596: 10-4

*'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

**Stopping the carnage, caring for the victims**

L-organizzazzjoni fir-Renju Unit **Brake - the road safety charity**[19] ghaddejja b'kampanja bl-ghan "*stopping the carnage, caring for the victims*". Biex twettaq l-ghan taghha ghaddejja b'kampanja ta' edukazzjoni ghall-pubbliku.

*Road safety affects everyone. It affects whether people can go to the park or walk to school, elderly people can get to the shops, people can take up cycling to get to work or get fit, and families feel safe to get around their neighbourhoods.*

*For some people, it changes everything. Road crashes and casualties end lives too soon, rip families apart, leave communities reeling in shock and victims feeling alone and without hope.*

Il-Qorti thoss li ghandha tikkwota dak li tghallem din l-organizzazzjoni li tibbaza l-argumenti fuq studji ufficjali varji dwar it-temi li jistghu jghinu fl-analizi li qeghda ssir biex il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha f'dan il-kaz.

**Speed, speed limits and stopping distances**

Speed is a critical factor in all road crashes and casualties. Driving is unpredictable and if something unexpected happens on the road ahead – such as a child stepping out

[19] www.brake.org.uk

from between parked cars – it is a driver's speed that will determine whether they can stop in time, and if they can't stop, how hard they will hit.

Hence reducing and managing traffic speeds is crucial to road safety. It has been estimated that for every 1mph reduction in average speeds, crash rates fall by an average of 5%[20]. Breaking the speed limit or travelling too fast for conditions is recorded (by police at crash scenes) as a contributory factor in more than one in four (27%) fatal crashes in the UK[21]. This is arguably a gross underestimate, because whether or not a vehicle is judged to have been speeding or going too fast for conditions, the fact it was involved in a collision means it was going too fast to have stopped in time. In this way, speed is always a contributory factor, albeit often in combination with other causes: no one was ever killed by a stationary vehicle.

Research has found that British drivers who speed are nearly twice as likely to have been involved in a road crash[22]. Similarly, Dutch research found drivers with one speeding violation annually are twice as likely to crash as those with none, and this increases further for drivers who commit repeated speed violations[23].

**Stopping distances**

Stopping distances include the distance travelled while the driver notices a hazard and applies the brakes (thinking distance), and while the vehicle comes to a full stop from

---

[20] Speed, Speed Limits and Accidents, Transport Research Laboratory, 1994
[21] Reported Road Casualties Great Britain 2014, Department for Transport, 2015, table RAS50001
[22] The Speeding Driver: Who, How and Why? Scottish Executive, 2003
[23] Crash involvement of motor vehicles in relationship to the number and severity of traffic offenses, SWOV, 2013

its initial speed (braking distance). Typical stopping distances for cars are shown below[24].




The distances above are based on a reaction time of 0.67 seconds, which assumes the driver is alert, concentrating and not impaired. Driving when tired, distracted or impaired significantly increases reaction times, so the thinking distances above should be regarded as minimums.

The braking distance depends on how fast the vehicle was travelling before the brakes were applied, and is proportional to the square of the initial speed. That means even small increases in speed mean significantly longer braking distances. Braking distances are much longer for larger and heavier vehicles, and in wet or icy conditions, so again these figures are a minimum.

Technology such as anti-lock brakes and stability control are designed to enable greater control over the vehicle, not shorten stopping distances. There may be a very small reduction in braking distance with modern technology, but not enough to significantly affect your overall stopping distance[25]. Whatever technology a vehicle has, the basic

---

[24] Source: Department for Transport, 2007
[25] FAQs: Anti-Lock Braking System, AAA Foundation for Traffic Safety, 2005

fact remains that the faster you drive, the longer your stopping distance, and therefore the less chance you have of stopping in time in an emergency.

**Impact speed**

Driving faster not only lessens drivers' chances of being able to stop in time to avoid hitting someone or something. It also means if they can't stop in time, they will hit with greater impact. The greater the impact, the greater the chances of causing serious injury or death.

A vehicle travelling at 20mph (32km/h) would stop in time to avoid a child running out three car-lengths in front. The same vehicle travelling at 25mph (40km/h) would not be able to stop in time, and would hit the child at 18mph (29km/h). This is roughly the same impact as a child falling from an upstairs window. The greater the impact speed, the greater the chance of death. A pedestrian hit at 30mph has a very significant one in five chance of being killed. This rises significantly to a one in three chance if they are hit at 35 mph[26].

Is-**Safe Drive Directory**[27] tal-Awstralja jagħti tagħrif dwar *stopping distance* għal sewwieq ta' vettura fejn dan jiddependi fuq erba' fatturi "*Human Perception Time, Human Reaction Time, Vehicle Reaction Times u Vehicle Braking Capability*":

The human perception time; is how long the driver takes to see the hazard, and the brain realize it is a hazard requiring an immediate reaction. This perception time can be as long as ¼ to ½ a second.

[26] Impact Speed and a Pedestrian's Risk of Severe Injury or Death, AAA Foundation for Traffic Safety, 2011
[27] www.sdt.com.au

Once the brain realizes danger, the human reaction time is how long the body takes to move the foot from accelerator to brake pedal. Again this reaction time can vary from ¼ - ¾ of a second.

These first 2 components of stopping distance are human factors and as such can be effected by tiredness, alcohol, fatigue and concentration levels. A perception and reaction time of 3 or 4 seconds is possible. 4 seconds at 100 km/hr means the car travels 110 metres before the brakes are applied.

Once the brake pedal is applied there is the vehicles reaction time which depends on the brake pedal free-play, hydraulic properties of the brake fluid and working order of the braking system.

This is why the tailgating car usually cannot stop, when the brake light came on in the car in front, this driver had already completed the perception, human and vehicle reaction periods. The following driver was perhaps 1 second too late in applying the brakes. At 100km/hr the car required 28 metres further to stop.

The last factor that determines the total stopping distance is the cars braking capability which depends on factors such as;

- the type of braking system,
- brake pad material,
- brake alignment,
- tyre pressures,

- tyre tread and grip,
- vehicle weight,
- suspension system,
- the co-efficient of friction of the road surface,
- wind speed,
- slope of road,
- surface smoothness
- the braking technique applied by the driver.

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI MILL-PARTIJIET

L-imputat jargumenta li l-htija tal-kollizzjoni li wasslet ghall-mewt tal-vittma kienet unikament tas-sewwieq l-iehor tal-mutur li hareg minn fuq post li ghandek tieqaf ghal fuq triq principali, bla ma biss ra l-vettura tieghu riesqa lejh qabel il-habta.

Jekk noqghodu fuq ix-xiehda tal-imputat li hu l-uniku wiehed li xehed dwar kif sehh l-inicdent, ghaliex il-persuna l-ohra ma setghetx taghti l-versjoni taghha ghax inghaqdet mal-Hallieq dakinhar stess, il-vittma jista′ jkun in parti responsabbli ghall-incident ghax baqa' hiereg sa nofs it-triq u jista′ jaghti l-kaz li ma kienx esplora tajjeb it-triq principali qabel ghamel dan u li ma kienx qed izomm "*a proper lokout*". Il-*parte civile* (fin-Nota ta′ Sottomissjonijiet taghhom a fol. 431 et seq.) ma jaqblux ma′ dan u jsostnu li vittma kien diga hareg u kien fil-karregjata tieghu sejjer lejn l-Ghasri:

> It-truck tal-imputat ħalla brake-marks li fihom tul ta′ 13.75 m fuq in-naħa tal-lemin, u 11.90 m fuq in-naħa tax-xellug. Mir-ritratti li ttieħdu mill-espert fotografu u wkoll mir-ritratti Nru. 8 u 9 tal-Perit Micallef, jirriżulta li dawn il-brake marks huma kważi paralleli għas-sinjal abjad li jindika l-linja medjana tat-triq, bil-brake tan-naħa tal-

lemin **jibda u jispiċċa** fuq in-naħa 'ħażina' tat-triq, ċjoè fuq il-lemin tas-sinjal abjad kontinwu. Infatti dawn ir-ritratti juru li t-truck jinsab bi kważi nofs il-wiesgħa tiegħu fuq il-karreġġjata li hija ntiża għall-użu ta' vetturi li jkunu jinsabu lejn l-Għasri, u mhux għal min huwa ħiereġ mill-Għasri – bħal ma kien l-imputat. Juru wkoll li fil-punt li jibdew il-brake marks, is-sinjal abjad huwa wieħed kontinwu u jibqa' kontinwu għal press'a'poco nofs it-tul tal-brake marks.

[...]

Issa hemm qbil li l-brakes tat-truck kienu jiffunzjonaw tajjeb dakinhar tal-inċident. Dan ġie kkonstatat mill-espert Joseph Zammit u b'ebda mod ma ġie kontradett jew ikkontestat mill-imputat. Infatti fil-kontro-eżami tiegħu, Borg jiftaħar li l-brakes kienu "perfetti".

Hemm qbil ukoll li t-truck ħalla medja ta' kważi tlettax-il metru tul ta' brake marks, sar-roti ta' wara tat-truck, anki skont il-kalkoli konservattivi tal-Perit Shawn Micallef. Skont it-tabella indikattiva li tinsab fil-Highway Code, vettura li tħalla dak it-tul ta' brake marks tkun għaddejja notevolment iktar minn 35 k.f.s. – madwar 50k.f.s. U dan lanqas ma jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li għal tul ta' 3 metri mill-braking distance, it-truck tal-imputat kien għaddej ikaxkar miegħu lill-mutur u lill-ġisem ta' Michaelangelo Zammit. Dan il-fattur żgur li għen sabiex it-trukk jieqaf f'distanza inqas minn dik li kienet tkun meħtieġa li kieku twaqqaf biss bl-operazzjoni tal-brakes tiegħu. Dan ifisser, neċessarjament, li inizjalment il-veloċità ta' Borg kienet notevolment iktar elevata minn dak li qed jgħid huwa.

[…]

Naturalment, in vista tal-fatt li l-mutur tkaxkar lura għal mhux inqas minn 2.90 metri mill-punt tal-impatt, id-distanza mill-punt tal-ħruġ tvarja notevolment, u l-perit indika li din id-distanza kienet ta' 11.5 metri.

Iktar tard, il-Perit Micallef jispjega li dawn id-distanzi huwa kejjilhom dejjem dijagonalment, jiġifieri minn punt sa punt: issa ovvjament, min ikun ħiereġ minn triq sekondarja ma jkunx saq "as the crow flies"; imma jkun l-ewwel qasam il-karreġġjata f'direzzjoni opposta għal dik li fiha jkun irid isuq huwa, u imbagħad, la darba

daħal fil-karreġġjata proprja tiegħu, jiddritta l-vettura tiegħu jibda jsuq fid-direzzjoni li fiha jkun fi ħsiebu jmur. Il-Perit ikompli jispjega li l-wisa' tal-karreġġjata li tieħu mill-Għasri hija ta' 5.2 metri. B'aplikazzjoni tal-formola li l-*isquare* tat-tul taż-żewġt iġnub qosra ta' triangolu jġibu flimkien total li huwa ekwivalenti għall-*isquare* tal-itwal ġenb tiegħu, dan ifisser li l-mutur kien laħaq ivvjaaġġja tul ta' iktar minn ħdax-il metru matul il-karreġġjata proprja tiegħu qabel ma ntlaqat mit-trukk:

(12.5 x 12.5) - (5.2 x 5.2) = 132, li l-*isquare root* tiegħu jiġi press'a'poco 11.2m.

[…]

L-imputat jipprova jenfasiżża ħafna l-fatt li d-daqqa fil-mutur kienet fuq il-ġenb tal-lemin tal-mutur, u hekk ukoll id-daqqa fuq ras Michaelangelo Zammit kienet fuq il-lemin sabiex jargumenta li l-mutur kien għadu jinsaq f'direzzjoni perpendikolari għalih fil-mument tal-impatt.
Madankollu eżami tar-ritratti tal-ħsara fil-mutur għandu juri b'mod ċar li l-mutur kien diġà jinsab paralleli jew kważi paralleli għat-trukk, imma jinsab fid-direzzjoni opposta għal dik tiegħu. Hekk ir-ritratt Nru. 4 meħud mill-Perit Shawn Micallef, u, b'mod partikolari, dawk meħuda mill-espert fotografiku, juru li d-daqqa fuq in-naħa tal-lemin tal-mutur ma kinitx daqstant vjolenti li jista' jingħad b'ċertezza li dik kienet l-ewwel impatt mat-trukk. Wisq u wisq iktar ma jistax jingħad li d-daqqa fuq it-tank tal-petrol seħħet f'mument li l-mutur kien għadu jinsaq f'direzzjoni perpendikolari għal dik li fiha kien qed jinsab it-trukk.
Kieku kien hekk, neċessarjament li bejn il-mutur u t-truck, kien ikun hemm is-sieq leminija ta' Michaelangelo Zammit (għaliex dan ma kienx bla saqajn u għaliex Zammit ma kellu l-ebda post ieħor fejn seta' jpoġġi saqajh fil-mument tal-impatt. U min-notamenti kliniċi u wkoll mir-rapport ta' Dr. Mario Scerri, l-espert mediku, jirriżulta li Michaelangelo Zammit ma sofra l-ebda feriti f'siequ l-leminija.

Fit-tieni lok, impatt bejn il-parti frontali tat-trukk fuq naħa u l-ġenb lemini ta' mutur jinsaq f'direzzjoni perpendikolari għat-trukk fuq in-naħa l-oħra, kien jissarraff fuq ħsarat konsiderevoli fuq il-parti

warranija kollha tal-mutur u mhux f'sempliċi daqqa angolata fuq it-tank tal-petrol tal-mutur.

Fir-rigward tas-saħħa tal-impatt fuq il-ġenb tal-lemin tal-mutur, imbagħad, l-esponenti jirrilevaw ukoll li daqqa fuq mutur minn trukk li wara dik id-daqqa kompla jkaxkar lill-mutur taħtu għal kważi tliet metri kienet tħalli ħsarat ferm iktar konsiderevoli milli sempliċi tagħtina fuq it-tank tal-petrol.

Dawn il-fatturi kollha jindikaw oltre kull dubju raġjonevoli li d-dinamika tal-inċident kienet is-segwenti:

L-inċident seħħ meta l-mutur kien diġà fil-karreġġjata tiegħu, jinsaq b'mod paralleli jew kważi, għat-trukk li kien qed jinsaq f'direzzjoni opposta. Meta s-sewwieq tal-mutur ra lit-trukk ġej għal fuqu, huwa istintivament ġibed iktar lejn ix-xellug tiegħu, u għalhekk il-mutur ippreżenta l-parti leminija tiegħu bħala mira (*target)* għat-trukk. Għalhekk il-mutur laqqat *glancing blow* fuq it-tank tal-petrol tiegħu fl-istess waqt li t-trukk laqat lil Zammit f'rasu, u fil-ġenb lemini tiegħu (li wasslu għall-feriti kkonstati fil-kranju u fil-kustat lemini ta Zammit), u imbagħad t-trukk kompla għaddej ikaxkar kemm lill-mutur kif ukoll lis-sewwieq tiegħu mat-triq għal kważi tliet metri qabel ma waqaf. U huwa probabbli wkoll li l-fatt li t-trukk kaxkar lil Zammit għal kważi 3 metri tul it-triq ikkontribwixxa b'mod determinanti għall-gravità tal-feriti li sofra Zammit u li finalment wasslu għal mewtu.

Lanqas ma jista' l-imputat jiġbed xi argument utili għalih (kif jidher li pprova jagħmel l-avukat tiegħu waqt il-kontro-eżami tal-Perit Shawn Micallef) mill-fatt li l-mutur finalment spiċċa bil-quddiem tiegħu jħares lejn il-ħajt fuq il-lemin tal-imputat. Huwa fatt li ma jista' jinnegah ħadd li l-mutur spiċċa jitkaxkar mal-art taħt ir-roti tat-trukk, lura fid-direzzjoni li kien ġej minnha, għal kważi tliet metri. Matul din id-distanza kollha, mhux biss huwa probabbli imma hija ħaġa ċerta li l-mutur ma setax jibqa' jħares fl-istess direzzjoni li kien fiha fil-mument tal-impatt inizjali.

Id-difiza (fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha a fol. 454 et seq.) tirreferi ghal Artikolu 213 tal-Kodici ghat-traffiku fit-triq:

Hemm ghadd ta' cirkostanzi li din il-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha biex tiddetermina l-kwistjoni ta' responsabbilita' ghal dak li gara. It-triq li fiha kien qed isuq l-imputat hi bla dubbju triq principali filwaqt li t-triq li minnha hareg Zammit hi triq sekondarja. Mill-provi prodotti jirrizulta li d-dinamika tal-incident kienet li s-sewwieq tal-mutur hareg minn triq sekondarja u qasam il-karreggjata li minnha kien ghaddej isuq l-imputat biex jikser ghal Ghasri. Il-fatt li hemm a *broken central line* fi Triq L-Ghasri ma jaghtix xi dritta lil min jigi biex johrog minn triq sekondarja li jibqa' hiereg ghad-dritt minghajr ma jesplora tajjeb it-triq principali qabel ma jaqsam l-*stream of traffic* (ara **Pulizija vs Steve Azzopardi** – Kaz. 431/13, deciz mill-Qorti Tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali fit-13 ta' Lulju 2016). Dan naturalment jinkombi fuq is-sewwieq li jkun se jwettaq tali manuvra aktar attenzjoni u diligenza fis-sewqan tieghu.

Illi l-artikolu 213 tal-kodici ghat-traffiku fit-triq jiddisponi li '*f'salib it-toroq jew ghaqda ta' triq principali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja ghandu jaghti d-dritta lit-traffiku li jkun ghaddej fih, jew li jkun hiereg minn, it-triq principali.*' Kif tajjeb osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza : **Il-Pulizija vs Joanne Persiano**, deciza fil-25 ta' Novembru 2011, jipprospetta '*tlett regolamenti importanti u cioe` (i) illi s-sewwieq jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkrocju bil-hsieb li jaccerta ruhu li ma jkunx sejjer jiddisturba t-traffiku li jkun ghaddej fi triq principali; (ii) li jaccerta ruhu li ma jkunx hemm traffiku fuq it-triq principali jew almenu jkun qieghed il-boghod b'tali mod li jkun jista` johrog minghajr xkiel; (iii) li jcaqlaq ghal fuq il-karreggjata principali bil-mod jew inching out sabiex ikollu vizwali ahjar tat-triq u jikkontrolla l-vettura tieghu skond ic-cirkostanzi.*' Fil-kawza : **Il-Pulizija vs Pawlu Borg** (Kollez. Vol.XXXVI.i. 797) il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet *"ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent sia jekk ikun fi triq dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer tidhol fiha, huma nitriwittiv, u hu principju affermatt f'diversi*

*decizjonijiet tal-Qrati Inglizi illi d-driver li sejjer jidhol fit-triq id-dritta, minn triq ohra ghandu obbligu aktar minn dak id-driver fuq it-triq id-dritta, ghas-semplici raguni li jkun sejjer jaqsam l-'stream of traffic' li jkun hemm fit-triq id-dritta; mentri d-driver fuq it-triq id-dritta, ladarba sejjer ikompli ghad-dritt, ma jkunx sejjer ifixxkel lil hadd."* Ghalhekk b'mod generali d-dover tas-sewwieq li jkun sejjer jaqsam triq principali u jiddisturba l-kors normali tat-traffiku ghandu grad ta' attenzjoni ferm aktar gholi minn dak is-sewwieq li jkun ghaddej fuq triq principali fejn allura s-sewwieq fit-triq sekondarja ghandu l-obbligu u l-kompitu` illi jaccerta ruhu li jkun jista` johrog mit-triq sekondarja minghajr perikolu u tfixxkil ghal utenti l-ohra.

L-istess fil-kawza : **Il-Pulizija vs Anthony Galea** (Kollez. Vol. XXXVII.iv.137) fejn ikkwotat is-sentenza Ingliza McNair vs Glasgow Corporation fejn intqal *"the duty of a driver whose course is calculated to disturb the ordinary stream of traffic on a road is of a higher order. The more risky and difficult the manoevre is the greater the duty incumbed on the driver. In the sense therefore, the turning out of a side road onto a major road the side's road driver obbligation is higher."*

Il-verzjoni tal-imputat ta' kif sehh l-incident tkompli tirrendi l-manuvra adoperata minn Michelangelo Zammit bhala wahda ferm aktar gravi ghas-sewwieq tal-mutur. Il-verzjoni tal-imputat moghtija *a tempo vergine* lill-Pulizja, u li giet ikkonfermata fl-istqarrija, u giet sostnuta fix-xhieda moghtija quddiem il-Qorti hija wahda konsistenti. Jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Frank Tabone (08.08.2013) li l-imputat stqarr mieghu fuq il-post tal-incident li s-sewwieq tal-mutur hareg mit-triq sekondarja, minn fuq il-karreggjata l-hazina u baqa' hiereg bla ma waqaf. Fi kliemu Zammit hareg bi 'speed daqxejn eccessiv', u malli lemhu li baqa' hiereg huwa ghafas il-*brake*.

[...]

Fl-istqarrija li rrilaxxja l-imputat lill-Pulizija fl-24 ta' Lulju 2013, l-imputat rega' kkonferma li : "Waqt li kont ghaddej minn Triq L-Ghasri, ahna nsibuha bhala Triq il-Gdida direzzjoni lejn ir-Rabat, kont ghaddej ghal affair tieghi u f'daqqa wahda johrogli mutur mit-Triq il-Qadima. Dan il-mutur hareg kontra l-linja u hareg ezatt minn taht il-hajt ghax hemm central strip li suppost wiehed idur maghha biex johrog. Jiena malli lmahtu pruvajt niskapulah u ghafast il-brake pero' f'daqqa wahda smajt tahbita kbira mal-faccata tal-gabina tat-truck."

Fis-sentenza fl-ismijiet : **Pulizija vs John Pace**, deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti : *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9"*. Ghalhekk din ill-Qorti m'ghandhiex ma tiehux il-verzjoni tal-imputat bhala wahda genwina u veritjiera meta l-istess verzjoni hi korroborata minn provi ohra indizjarji li ghandhom jiskolpaw minn kull htija.

Is-sewwieq tal-mutur mhux biss qasam it-triq principali izda hareg minn naha l-hazina tat-triq sekondarja cjoe' mill-karreggjata li minnha jidhlu l-vetturi u baqa' hiereg ghad-dritt bla ma waqaf qabel hareg, anzi' fi kliem l-imputat lill-Ispettur Frank Tabone l-vittma baqa' hiereg bi '*speed daqxejn eccessiv*'. Il-pozizzjoni ta' kif intsab il-mutur murija fuq id-dokument SM02 ihares bi dritt il-faccata tat-triq sekondarja minn fejn hareg, il-fatt li l-mutur instab li kien ghadu

ngranat fuq il-first gear kif irrelata l-espert mekkaniku, u l-fatt ukoll li l-hsara fuq il-mutur ma kinitx wahda frontali izda biss fuq il-genb tal-lemin, dawn kollha huma kollha fatturi ndikattivi tal-fatt li mal-impatt il-mutur ma kienx fil-pozizzjoni jhares fid-direzzjoni tal-Ghasri izda kien f'pozizzjoni orizzontali ma' Triq L-Ghasri cjoe' kien ghadu jhares bi dritt minn fejn hareg.

Li kieku l-vittma hareg mill-karreggjata t-tajba, cjoe' minn fejn kellu johrog (u dan apparti li qabel ma hareg ried jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega li jaghmel il-manuvra u jaqsam it-triq principali meta jkun cert li jista' jaghmel dan bla ebda perikolu ghall-utenti tat-triq principali) certament li fejn sehh l-impatt hemm distanza twila bizzejjed li kienet tippermetti li s-sewweiq tal-mutur kien jilhaq jippozizzjoni l-mutur tieghu f'linja vertikali lejn id-direzzjoni tal-Ghasri. Hemm distanza bizzejjed li l-mutur ma kellux jibqa' fuq il-*first gear* kif sabu l-espert mekkaniku. Il-mutur ma kellu ebda hsara fuq quddiem, izda biss il-hsara kienet wahda laterali cjoe' fil-genb tan-naha tal-lemin. Dan kollu jkompli jikkorrobora l-verzjoni tal-imputat li l-vittma baqa' hiereg ghad-dritt mill-karreggjata l-hazina ta' Triq il-Qadima u kif lemhu hasdu u kien pront ghafas il-brakes b'kemm kellu sahha.

Il-pozizzjoni angolata tal-*brake marks* jindikaw car li fil-mument li l-imputat lemah lil Zammit hiereg minn that il-hajt u applika l-*brakes* huwa kien qed isuq fuq il-karreggjata tieghu. Huwa evidenti li meta l-imputat lemah lill-vittma hiereg minn taht il-hajt huwa ipprova jiskapulah billi kiser lejn il-lemin, u billi l-vittma baqa' hiereg ghad-dritt sehh l-impatt kif gie indikat fuq il-pjanta dok. SM02.

Illi in materja ta' provi u senjatament dwar il-valur probatorju tal-iskizz ossia tal-pjanta redatta mill-Perit Shawn Micallef, gie ritenut fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet : **Carmelo Scerri vs Esther**

> **Darmanin**, deciza mill-Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri] fl-20 ta' Ottubru 2003, li *"Huwa ndubitat li f'kazijiet ta' kollizzjoni l-iskizz dejjem gie meqjus bhala element importanti tal-provi, ad eccezzjoni tas-sitwazzjonijiet fejn ikun jidher ovvju illi dan ma jkunx gie redatt sewwa u jkun jonqsu indikazzjonijiet li ma jistghux jitqiesu traskurabbli. L-importanza ta' dan id-dokument giet ravvizata anke fil-kaz fejn dan ma jkunx gie mahluf mis-surgent li rredigieh. Ghax anke fejn dan hu l-kaz 'hu wkoll veru li dan gie ppreparat in situ u a tempo vergine u hadd ma ressaq dubbju dwar l-integirta' tas-surgent. Dan ta' l-ahhar huwa recorder tar-res gestae u hu fid-dover qabel xejn, bhala parti mill-investigazzjoni tieghu, li jigbor il-fatti relevanti kif irrizultawlu materjalment u jirregistrahom fl-iskizz ta' l-okkorrenza. Allura meta l-iskizz ikun maghmul b'mod professjonali, u fejn indikat to scale jew almenu bl-esatezza, l-qisien importanti, u ma jkunx hemm kontestazzjoni dwaru mill-partijiet in kawza, dan l-iskizz ghandu jittiehed li jghamel prova ta' dak li juri"* [Appell Civili, **Carmel Camilleri vs Leone Pillow**, 7 ta' Ottubru 1997]. *"Skizz maghmul professjonalment ghandu jittiehed bhala prova ta' dak li juri"* [Prim'Awla, **Joseph Perisci Calascione vs Sergio Farrugia**, 3 ta' Lulju 2003].

Kif gie ritenut li hu dover ta' driver *"to see what is in plain view"* (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Vella**, [10.8.1963] u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara ifisser li ma jkunx qed izomm *"a proper lookout"* (App. Krim. **Il-Pulizija vs. J.M. Laferla** , [17.6.1961]. Is-*"side road user"* ghandu dritt li jaqsam gol-*"main road"* meta, bid-debita prudenza, ikun accerta ruhu li din hi libera (App. Krim**. Pul. vs. Nazzareno Borg** , [12.11.60] u *"side road user"* irid jidhol go *"main road"* bla ma jiehu riskju li driver prudenti ma jihux (App. Krim. **Pul. vs. Giuseppe Galdes** Vol. XXXVII , p.1108).

Mill-banda l-ohra gie wkoll ritenut li:

*"Ghalkemm il-main road user ghandu dritt aqwa mis-side road user u ghandu ragjonevolment jistenna li t-triq tieghu ma tkunx ostakolata, b'daqshekk hu mhux ezonerat ghal kollox milli anki hu jiehu l-prekawzjonijiet tas-sewqan prudenti."* (App. Krim. **"Pul. Vs. Salvu Tanti** , Kollez. Vol. XL. iv. p.1225)

B'dana kollu gie dejjem ritenut mill-Qrati ta' pajjizna li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel sewwieq iehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut **unikament** u **eskluzivament** ghal htijiet da parti tas-sewwieq l-iehor (App. Krim. **Pul. vs. Gaetano Schembri** , [16.3.61]; **Pul vs. John Polidano**, [3.11.63] ; **Pul. vs. Rev. C. Mifsud** Vol. XXXVII, p. 1131 u ohrajn.) Il-*"contributory negligence"* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma jkunx hu kawza unika tas-sinistru. (App. Krim. **Pul vs. P. Vassallo** Vol XXXVIII , p. 883,)

L-imputat donnu jidher li qed jirrikorri ghad-difiza tas-*"sudden emergency"*. Issa pero' kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera.** [13.12.68] : -

*"Driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-"sudden emrgency" meta l-emergenza jkun holoqha hu."*

Issa hu ovvju li l-imputat jaf sewwa l-inhawi u jaf li fejn hemm toroq sekondarji ghandu jnaqqas l-ispeed bhala prekawzjoni ghal kull ma jista' jinqala. L-imputat kien ghaddej bi *speed* in eccess ghal dak regolamentari ghal-lokalita' u ma kienx fi grad li jieqaf meta ra l-mutur qed jaqsam it-triq traversalment quddiemu, haga li zgur kien jaghmel kieku kien qed isuq bl-speed entro dak regolamentari.

Hu risaput li mat-tul tal-*brake marks* li halliet warajha l-vettura tal-imputat, wiehed irid ukoll izid it-*thinking distance.* Inoltre jigi rilevat li l-vettura tal-imputat ma waqfitx biss bl-operat tal-brakes imma wkoll wara li laqat il-mutur, liema daqqa kienet qawwija bizzejjed biex sposta l-mutur minn fejn intlaqat. Konsegwentement

zgur li bl-**i**speed eccessiv tieghu l-imputat gie li ppriva lilu nnifsu mill-opportunita' li jieqaf hu wkoll entro d-distanza li seta' jieqaf fiha, li kieku kien isuq entro l-velocita' regolamentari. Ghalhekk l-imputat gie pogga lilu innifsu taht dik li *in subiecta materia* tissejjah "*a self inflicted incapacity*" li jaghmel tajjeb ghal dak in-nuqqas tas-sewqan hazin ta' haddiehor.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti ghamlet numru ta' "*presumptions of fact*" li johorgu mid-dinamika tal-incident.

Jirrizulta illi ghalkemm l-imputat kien ghaddej minn fuq il-"*major road*" u l-mutur tal-vittma kien qed jaqsam l-istess triq traversalment fejn wiehed ghandu jieqaf u ghalhekk kellu jaghti certu precedenza lill-vettura tal-imputat u ghalkemm jidher illi s-sewwieq tal-mutur seta' kkontribwixxa ghall-incident in ezami, pero' l-"*contributory negligence*" tal-parti l-ohra ma tezonorax lill-imputat jekk dan ma jkunx l-unika kawza tas-sinistru. F'dan il-kaz jidher illi minkejja li l-imputat kellu d-dritta ghax kien ghaddej fuq il-"*major road*", huwa kien qed isuq bi speed in eccess ghall-velocita' regolamentari kif jirrizulta mill-"*brake marks*" li halliet warajha l-vettura tieghu u li oltre dawn il-"brake marks" it-truck kien fadallu forza bizzejjed biex jaghti daqqa lill-mutur u ddawru. Dana allura jissuggerixxi illi l-eccess ta' "speed" li kellu l-"**main road user**" kien fattur determinanti fl-incident in ezami. B'dan li l-imputat sar dak li jissejjah " *main road abuser*".

Il-fatt illi kien hemm certu kontributorjeta' tad-driver tal-mutur jista' jiswa biss ghall-fini tal-piena, pero' xorta wahda l-htija tal-imputat tissussisti jekk jirrizulta li xi nuqqas fis-sewqan tieghu b'mod determinanti ikkontribwixxa ghall-incident in ezami, kif indubbjament kien il-kaz.

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR IL-PIENA

> *Sentencing can range from a relatively complex task to a relatively straightforward one. At its most difficult, it is a complex balance in which conflicting goals have to be addressed. Section 142[28] of the 2003 Act requires every court to have regard to five specified purposes—punishment, reduction of crime, reform and rehabilitation, protection of the public and the making of reparation to those affected by the offence.[29]*

Fil-kaz **Il-Pulizija vs. Alfonso Abela**, deciza mill-Qorti tal-Appell[30] fl-10 ta' Marzu 2005 intqal:

> *"din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li s-sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi , frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament , esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti.*
>
> *Inoltre il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew*

[28] Any court dealing with an offender in respect of his offence must have regard to the following purposes of sentencing—

- (a)the punishment of offenders,
- (b)the reduction of crime (including its reduction by deterrence),
- (c)the reform and rehabilitation of offenders,
- (d)the protection of the public, and
- (e)the making of reparation by offenders to persons affected by their offences.

[29] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017 pg. 1628: 22-1

[30] Appell Kriminali Nru. 253/04 deciz mill-Imhallef Joe Galea Debono

*dawk tas-sewqan perikoluz. Din il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f' kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa."*

Issa bhalma qalet il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** moghtija fit-13 ta' Novembru 2009[31],

**"is-sentenza ta' prigunerija sospiza mhix, kif jahsbu xi whud, *a let off* jew semplicement *a slap on the hand*. Min ikun gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija sospiza jrid ikun, matul il-perijodu operattiv taghha, kif jghid il-Malti, 'imqarar u mqarben', ghax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm stabbilita piena ta' prigunerija, meta jinstab hati ta' dak ir-reat l-iehor tigi attivata l-piena ta' prigunerija li tkun giet hekk sospiza, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha."**

Il-ligi ma teskludix il-possibilita` li tinghata sentenza sospiza ta' prigunerija anke fejn ikun gie kommess reat involontarju, u lanqas fejn si tratta ta' *first time offender*. F'dan il-kaz, jinghad ukoll illi l-fedina penali tal-appellant/l-appellat kienet u ghadha sallum wahda netta.

Fis-sentenza tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Wood**[32] il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement[33], kif ukoll fuq l-

[31] App Nru 328/09 deciz mill-Prim Imhallef Vincent DeGaetano
[32] Deciza mill-Imhallef Vincent DeGaetano
[33] Id-disposizzjonijiet taghna dwar is-sentenza ta' prigunerija sospiza huma mudellati fuq il-ligi Ingliza, ligi, li ghandu jinghad, illum tbiddlet hafna mill-mudell li fuqu bbaza ruhu l-legislatur Malti.

iskorta ta' gurisprudenza lokali[34]. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A[35], li l-ewwel haga li qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li <u>oggettivament taghmel ghall-kaz</u>, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza[36] u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).

---

[34] **Il-Pulizija v. Joseph Said** App. Krim. 26/11/1992.

[35] 28A(2): "Qorti ma ghandhiex titratta ma' hati permezz ta' sentenza sospiza hlief jekk il-qorti jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih <u>sentenza ta' prigunerija kienet tkun xierqa</u> fin-nuqqas ta' xi setgha li tissospendi dik is-sentenza…" (sottolinear ta' din il-Qorti).

[36] Ara wkoll **R. v. O'Keefe** (1969) 2 QB 29; [1969] 1 All ER 426.

Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** [37] *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered."*

Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar 'il fuq imsemmija (ta' **Anthony Wood**) hadet linja aktar pragmatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).

**9.** Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-

[37] Cambridge Studies in Criminology, Heinemann (London) 1979, pp. 244-245.

reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi *blog* fuq l-*internet* biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi.

Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** [38]:

> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."**

L-Archbold meta jitkellem dwar il-linji gwida dwar sentenzi marbuta ma' incidenti tat-traffiku li jwasslu ghall-imwiet jikkwota mid-dibattitu tal-House of Lords fejn intqal:

[38] (1974) 60 Cr.App. R. 74.

*"… it will mean that the families of those killed by careless drivers feel that the law is adequate to deal with the circumstances and that the justice system is on their side so that if, in all the circumstances, a court feels that custody is appropriate, it will be available. Of course, there will be instances—probably the majority—where custody is not considered to be the most appropriate penalty."*[39]

**DECIZJONIJIET TAL-QRATI**

Din il-Qorti se telenka numru ta' decizjonijiet li nghataw mill-Qrati taghna fejn jidhlu incidenti tat-traffiku b'konsegwenzi serji:

**Il-Pulizija vs Kevin Ellul**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2013 – il-Qorti tal-Magistrati imponiet sentenza sospiza, u nonostante li l-Avukat Generali kien ukoll intavola appell, il-Qorti ikkonfermat sentenza sospiza *"ghalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda raguni sabiex tvarja n-natura tal-piena li l-ewwel Qorti kienet iddecidiet li tinfliggi"*[40].

**Il-Pulizija vs Alexander Portelli**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Frar 2001 – l-imputat gie kkundannat multa ta' elf lira Maltin (Lm1,000) u l-imhallef sedenti fis-sentenza ghamel kumment fis-sens li fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni *"l-ewwel Qorti kienet ukoll korretta meta ma mponietx piena karcerarja."*

**Il-Pulizija vs David Rigglesford**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2005[41] – il-Qorti bidlet piena ta' sentenza sospiza ghal multa *"in cases of involuntary bodily harm or homicide, the awarding of suspended prison sentences – particularly to foreigners who like appellant*

---

[39] Sentencing Guidelines Council para 17-45
[40] Appell Kriminali Numru. 406/2010 deciz mill-Imhallef David Scicluna
[41] Criminal Appeal Number. 6/2007 decided by Hon. Mr. Justice Joe Galea Debono

*live away from these Islands – is not the best and most suited punishment in the circumstances, as such suspended sentences are mainly intended to ensure the rehabilitation of the offender and to deter him from relapsing – a very unlikely event in case of involuntary offences and accidents - this Court feels that this ground of appeal should be upheld and that the sentence of imprisonment – albeit suspended for two years – should be altered to a pecuniary punishment."*

**Il-Pulizija vs Roderick Cauchi**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-1 ta' Awwissu 2008 – il-Qorti mponiet piena karcerarja ta' sena sospiza ghal tlett snin.

**Il-Pulizija vs Geoffrey Fenech**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-10 ta' Novembru 2009 – il-Qorti imponiet 20 xahar prigunerija sospiza ghal tlett snin.

**Il-Pulizija vs Charlo Farrugia** , deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar is-27 ta' Marzu 2009 – il-Qorti imponiet multa ta' Euro 2,500.

**Il-Pulizija vs Joseph Schembri** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-5 ta' April 2016 il-Qorti imponiet multa ta' Euro 4,000.

**Il-Pulizija vs Paul Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-30 ta' Gunju 2016 l-hati kien ikkundannat sentejn habs sospizi ghal erba' snin u Euro 3,000 multa.

Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkunsidra piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija. L-imputat Paul Borg se jigi kkundannat ihallas multa u ordnat jaghmel xoghol komunitarju, liema piena tkun aktar gusta u ekwa minn dik ta' prigunerija.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 19 ta' Mejju 2014 b'mod partikolari Artikoli 17, 23, 31, 225, 328(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta Artikoli 15(1)(a) u 15(2) b'riferenza ghal sewqan b'manjiera traskurata, issib lill-imputat Paul Borg hati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' erbat elef ewro (€4,000) u bl-applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kap 446 tqieghed lil Paul Borg taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghall-mitejn u hamsin (250) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, u bil-kundizzjonijiet kollha l-ohra msemmija fid-digriet anness.

Din l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltlu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghall-kundizzjonijiet ta' din l-ordni.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Il-Qorti tordna wkoll li l-imputat Paul Borg jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' tliet (3) xhur li jibdew jiddekorru minn nofsillejl u minuta ta' ghada.

Stante illi l-imputat instab hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrieh, il-Qorti tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-hlas tal-espert mahtur f'dawn il-proceduri u tikkundanna lil Paul Borg biex ihallas

elfejn, erba' mija u tmienja u disghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€2498.33)[42] u dan fi zmien sitt xhur mil-lum.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[42] **DRITTIJIET ESPERTI:** €536.64 – Perit Shawn Micallef, €286.00 – Max Xuereb, €274.18 – Joseph Zammitt, €156.00 – Profs. Marie Therese Camilleri, €272.53 – Dr. Ali Salfraz, € 26.21 – David Grima, € 26.21 – William Atanasio, € 20.96 – John Cassar, € 20.96 – Clive Lanzon, €465.15 – Dr. Mario Scerri MD, €397.19 – Dr. Mario Scerri MD, €16.30 – Joseph Zammit: **TOTAL: €2498.33**